MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tat-22 ta' Dicembru, 2014

Numru. 76/2004

**Il-Pulizija**

**(Assistent Kummissarju**

**Norbert Ciappara)**

**vs.**

**Nicholas Deguara**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Nicholas Deguara ta' 25 sena, iben Emanuel u Jane nee' Busuttil, imwieled San Giljan, nhar l-10 ta' Jannar, 1978, residenti fil-fond numru Paradise Flats, Flat numru 7, Triq Imrabat, Sliema, u detentur karta tal-identita 92678M.

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer nhar l-10 ta' Novembru, 2002 u t-tmien xhur ta' qabel, go tas-Sliema, u fi bnadi ohra f'Malta f'hinijiet differenti,

1. Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokajina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tas-Sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xorta ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.
2. Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija, u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu, u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta’ persuni/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta’ Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita’ moghtija mill-President ta’ Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta’ awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tas-sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xorta ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.
4. Kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussesss ta’ awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.
5. Ukoll talli fl-istess lok zmien u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-artikolu 8(a) u (d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema droga nstabet f’tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu.
6. Ukoll talli biegh jew xort’ohra ttraffika fir-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza.
7. Ukoll talli fl-istess hin, data u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu medicina ristretta u psikotropika meta ma kienx awtorizzat kif imiss bi ksur tar-Regolament 5(i) tal-Avviz Legali 22 tal-1985 kif sussegwentement emendat u 35(B) (li llum saret 40(A)) u 89(A) (li llum saret 120(A)) u t-Tielet Skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni

Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 16 tal-Att V tal-1985 kif emendat.

8. Ukoll talli fl-istess hin, data u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu medicina ristretta u psikotropika meta ma kienx awtorizzat kif imiss bi ksur tar-Regolament 5(i) tal-Avviz Legali 22 tal-1985 kif sussegwentement emendat u 35(B) (li llum saret 40(A)) u 89(A) (li llum saret 120(A)) u t-Tielet Skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 16 tal-Att V tal-1985 kif emendat liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ordnijiet tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), u bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha (Kap. 31) sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Semghet ix-xhieda, u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti,

Semghet it-trattazzjoni mill-partijiet;

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Ma hemmx kontestazzjoni fuq il-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri:

1. Fl-10 ta' Novembru 2002, il-Pulizija ghamlet tfittxija gewwa r-residenza tal-imputat, u kienu sabu xi droga u affarijiet relatati maghha.
2. Minn tfixxija fuq il-persuna tal-imputat instabu bicctejn raza tal-cannabis (smoke);
3. Fir-residenza mal-imputat, kien jghix ukoll certu David Vella, u dan kien ilu jghix hemm ghal cirka xahar qabel it-tfittxija.
4. Fl-istqarrija tieghu,[1] l-imputat ammetta li jabbuza minn diversi drogi, u cioe eroina, kokajina, cannabis u anke ecstacy, u kien ilu tminn (8) xhur jabbuza mid-droga
5. Pero l-imputat cahad li qatt biegh droga, izda huwa ammetta li gieli qasam id-droga li kien ikollu ma shabu, u gieli qasam hu minn taghhom. Shabu kienu jmorru ghandu biex jabbuzaw mid-droga biex ikollhom kumpanija.

**Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti dwar Htija**

L-affarijiet relatati mad-droga li nstabu fir-residenza u fuq il-persuna tal-imputat gew mghoddija lill-espert Spizjar Mario Mifsud, li gie mahtur fl-inkjesta. Fir-relazzjoni tieghu,[2] l-Ispizjar Mario Mifsud ikkonkluda hekk:

*"a. Li ma nstabux sustanzi llegali fis-sitt siringi li kien hemm fid-dokument 02 CTA 203 u fuq il-bicca foil u fit-trab abjad li kien hemm fid-dokument 02 CTA 204;*

*b. Li t-trab abjad f'ghamla ta' kristalli bojod li kien hemm fid-dokument 02 CTA 204 instab li kien dak tas-Citric acid. Din is-sustanza mhix kontrollata bil-ligi;*

[1] Ara fol. 6 *et seq.* tal-process.
[2] A fol. 55 tal-*Proces Verbal* ezebit bhala Dok NF a fol. 40 tal-process.

*c. Li l-pilloli sofor b'tikkek kannella tal-vitamini, il-pillola bajda ovali tal-Paracetamol (analgesic) u z-zewg kapsoli ta' lewn ahdar u griz tal-Imodium (uzati kontra d-diarrhoea), li kien hemm fid-dokument 02 CTA 204, mhux ikkontrollati bil-ligi;*

*d. Li t-tmien pilloli bojod tad-Dihydrocodeine (narconic analgesic) li kien hemm fid-dokument 02 CTA 204, huma kontrollati bil-ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima II tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*e. Li nstabu tracci tas-sustanza Tetrahydrocannabinol fuq is-speci taz-zewg loqom tas-sigaretti li kien hemm fid-dokument 02 CTA 204;*

*f. Li fil-blokki ta' sustanza kannella li kien hemm fid-dokumenti 02 CTA 201 u 205, f'ammont nett totali ta' 4.742 grammi, instabet fihom is-sustanza Tetrahydrocannabinol. Din is-sustanza, li tigi mill-pjanta cannabis, hija kkontrollata bil-ligi taht it-Taqsima III Sezzjoni 8 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*g. li fiz-zewg pilloli ta' lewn blu li kien hemm fid-dokument 02 CTA 205 instabet fihom is-sustanza 3,4-Methylenedioxymethamphetamine (MDMA). Din is-sustanza, li hija central stimulant, hija kkontrollata bil-ligi taht it-Tielet Skeda Parti A tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*h. Li nstabu tracci tas-sustanza Herojina fuq bicciet ta' plastik li kien hemm fid-dokument 02 CTA 202 u 204 u fuq bicca foil u bicca karta li kien hemm fid-dokument 02 CTA 205;*

*i Li fit-trab il-kannella li kien hemm fid-dokument 02 CTA 205, f'ammont nett totali ta' 0.063 grammi, instabet fih is-sustanza Herojina.*

*j. Li fit-tlett bicciet ta' plastik trasparenti li kien hemm fid-dokument 02 CTA 206 instabet fuqhom is-sustanza Kokajina.*

*Illi s-sustanzi Herojina u Kokajina huma sustanzi li huma kkontrollati bil-ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta."*

Il-Qorti tibda biex tosserva li ghalkemm l-Ispizjar Mario Mifsud ikkonkluda illi *"Li t-tmien pilloli bojod tad-Dihydrocodeine (narconic analgesic) li kien hemm fid-dokument 02 CTA 204, huma kontrollati bil-ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima II tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;"*, fl-ebda stadju tal-proceduri il-Prosekuzzjoni ma talab korrezzjoni biex tizdied imputazzjoni ohra fic-citazzjoni, sabiex l-imputat jigi akkuzat ukoll bil-pussess illegali ta' dawn il-pilloli. Ghaldaqstant, din il-Qorti ma tista issib l-ebda htija fil-konfront tal-imputat fir-rigward tal-pussess illegali ta' dawn il-pilloli.

Rigward iz-zewg pilloli bis-sustanza MDMA, maghrufa ahjar bhala ecstacy, fl-istqarrija tieghu, l-imputat jghid, li wahda biss minn dawn iz-zewg pilloli kienet tieghu. Fic-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-Qorti m'ghandhiex ghax tiddubita mill-veracita ta' dak li qal l-imputat. Fi kwalunkwe kaz, anke jekk din il-Qorti kellha ma temminx dak li qal l-imputat u tirritjeni li z-zewg pilloli ecstacy, certament ma jistghax jinghad li s-semplici sejba ta' zewg pilloli ecstacy ghand l-imputat – minghajr l-ebda tip ta' provi ohra - jindika li dawn il-pilloli ma kienux ghall-uzu esklussiv tieghu. Fic-cirkostanzi, is-sejba ta' dawn iz-zewg pilloli ecstacy huma kompatibbli ma uzu personali, u ghalhekk, l-imputat se jigi liberat mit-tminn (8) imputazzjoni.

Rigward is-sustanza kokajina, l-Ispizjar Mifsud sab biss tracci fuq tlett bicciet tal-plastic, u ghalhekk jirrizulta biss il-pussess semplici tad-droga.

Rigward is-sustanza erojina, l-Ispizjar Mifsud sab xi tracci fuq bicciet tal-plastic, bicca foil u bicca karta, u trab bis-sutanza erojina bil-piz totali ta' 0.063 grammi – ammont li certament huwa kompatibbli ma uzu personali.

Rigward id-droga cannabis, l-Ispizjar Mifsud sab tracci tas-sustanza Tetrahydrocannabinol fuq zewg loqom tas-sigaretti u sab ukoll din is-sustanza fil-blokki kannella f'ammont nett totali ta' 4.742grammi. Is-sustanza Tetrahydrocannabinol tigi mill-pjanta tal-cannabis. Issa kif inhuwa risaput,

id-doza tipika ta' abbuz wiehed mir-raza tal-cannabis huwa ta' 0.2 grammi, u ghalhekk minn dawn id-dozi johorgu cirka tlieta u ghoxrin (23) doza – ammont li ma hux kompatibbli ma' uzu personali.

Fis-seduta tat-28 ta' Novembru 2011,[3] l-Ufficcjal Prosekutur ghamel is-segwenti verbal *"L-Ufficjal Prosekutur, wara li kkonsulta mar-rapport tal-Ispettur Josric Mifsud li kien mexxa l-investigazzjoni, jinforma lill-Qorti li l-konkluzjonijiet li wassluh biex jippreferi l-akkuzi kif dedotti, kienu jammontaw ghal sharing."* L-Ufficjal Prosekutur rega' rrepeta din is-sottomissjoni tieghu fit-trattazzjoni finali.[4]

Fl-istqarrija tieghu, l-imputat jghid hekk:

*"M. Drogi gieli tajthom minn dik li kien jkollok ghalik?*

*R. Iva, minn tieghi, minn taghhom, gieli kien jkolli jien u gieli kienu jgibu huma, ghax kull qalb trid ohra.*

*M. Kemm kienu jhallsuk ghad-droga tieghek?*

*R. Ma jhallsunix, mhux naqsmu flimkien."*

Fl-opinjoni ta' din il-Qorti din il-frazi tista' biss tigi interpretata li tfisser illi l-imputat qasam id-droga li kien ikollu ma' terzi persuni u kienu johduha fl-istess hin. Konsegwentement, din il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni tal-Ufficjal Prosekutur li huwa applikabbli l-ewwel proviso tal-Artikolu 22(9), stante li meta l-imputat kien jaghti d-droga lil terzi persuni hu, hu kien jikkunsmaha maghhom fl-istess post – dak li aktar popolarment jissejjah *trafficking by sharing.*

Ghalhekk, il-Qorti qieghda issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu li ittraffika r-raza tal-cannabis, l-heroina u l-kokaina, b'dan li t-traffikar sar *by sharing*.

**Konsiderazzjonijiet dwar il-Piena**

[3] A fol. 62 tal-process.
[4] A fol. 70 tal-process.

Dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni li l-imputat ikkopera mal-Pulizija. Pero mill-fedina penali tieghu jirrizulta li huwa diga ghandu zewg kundanni ghal pussess semplici tad-droga cannabis, u kundanna ohra ghal traffikar tad-droga eroina.

Pero, mix-xhieda tal-Probation Officer Mary Anne Zammit,[5] - li fil-bidu ta' dawn il-proceduri kienet inhatret biex taghmel *Provisional Order of Supervision*[6] - l-imputat ghamel progress u anke beda programm residenzjali ghal riabilitazzjoni mal-Caritas. Pero sfortunatament dan il-programm ma kompliehx u waqaf wara sitt xhur u nofs, ghalkemm kien qed jattendi kull gimgha il-*Caritas Community Services* ghal sapport individwali.[7] L-imputat ghandu wkoll impjieg regolari.

Ghalhekk, jidher li l-imputat qed jaghmel l-almu tieghu biex jeghleb il-vizzju tad-droga, ghalkemm ovvjament kien ikun iktar deziderabbli kieku hu spicca l-programm residenzjali ta' riabilitazzjoni.

Min-naha l-ohra, il-Qorti ma tistax tinjora s-serjeta tar-reat tat-traffikar tad-droga – f'dan il-kaz ta' tlett drogi - anki jekk dan isir *by sharing.* Ma giex kontestat li dan it-traffikar dam sejjer ghal tminn (8) xhur. Fis-sentenza **Pulizija v. Charles Muscat**, deciza fid-9 ta' Mejju 2002, il-Qorti tal-Appell Kriminali irriteniet: *"Illi din il-Qorti specjalment f'kazijiet bhal dawn relatati ma pprokurar u traffikar ta' droga trid tibbilancja ukoll l-interess tal-appellant u tar-riforma tieghu bhala cittadin mal-aspett punittiv u ta' deterrent ghalih u ghall-persuni ohra li imbarkaw jew behsiebhom jimbarkaw fuq attivita tant nociva ghas-socjeta bhala ma hu l-ispacc jew l-ipprokurar ta' droga, partikolarment fost persuni ta' eta tenera, fenomenu dan li ta' kulljum u kull ma jmur qed johloq pjaga fis-socjeta u bir-ragun jikkreja allarm socjali li jesigi li min jinstab hati ta' eghmil simili jahsad dak li jkun zergha f'termini ta' piena."*

**Konkluzjoni**

[5] A fol. 67 tal-process.
[6] Ara digriet fis-seduta tal-4 ta' Novembru 2005 a fol. 13 tal-process.
[7] Ara Dok IF1 a fol. 66 tal-process.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 8(a), (d) u (b), it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikolu 22(1)(a), 22(1B), 22 (2) (b) (i) u (ii), u 22(9) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta u r-Regolamenti 4 u 9 tal-GN 292/1939, u l-Artikoli 40A, 120A(1)(a), 120A(2)(b)(ii) u t-Tielet Skeda tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta’ Malta u r-Regolament 3(1) tal-Avviż Legali 22/1985, fil-waqt li issib lill-imputat mhux hati tat-tminn (8) imputazzjoni u qed tilleberah minnha, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet l-ohra kollha dedotti kontrih, u tikkundannah ghal piena karcerarja ta’ sentejn, li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq maghmula qieghda tigi sospiza ghal perjodu ta’ erba’ (4) snin, ai termini tal-Artikolu 28A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

A tenur tal-Artikolu 28G tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’zieda ma’ din is-sentenza sospiza l-Qorti qed tqieghed lil hati taht Ordni ta’ Supervizjoni ghal zmien tlett (3) snin mil-lum, bil-kundizzjonijiet stretti li qed jigu imposti fuqu skond l-Ordni ta’ Supervizzjoni hawn annessa, u li ghandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Il-Qorti wissiet lil hati bi kliem car il-konsegwenzi jekk huwa jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija matul dan il-perjodu operattiv ta’ din is-sentenza sospiza jew jekk jonqos illi jsegwi xi wahda mill-kundizzjonijiet stipulati fl-Ordni ta’ Supervizjoni.

In oltre il-Qorti qed tikkundanna lill-hati ghal hlas ta’ multa ta’ elf u hames mitt Euro (€1,500), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tista’ tithallas b’rati mensili u konsekuttivi ta’ hamsin Euro (€50.00), b’dan li l-ewwel pagament ikun dovut sa mhux aktar tard mill-1 ta’ Frar 2015, b’dan li jekk l-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta’ gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.

In oltre, il-Qorti tordna lill-hati ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema spejjez ghandhom jithallsu fi zmien sitt (6) xhur minn meta jigi komunikat lilu l-ammont hekk dovut mir-Registratur tal-Qrati Kriminali, b’dan li jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta’ gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.

Il-Qorti tordna id-distruzzjoni tad-droga ezebita u l-affarijiet konnessi maghha taht is-supervizjoni tar-Registratur.

Il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------